

32000R1362

L 157/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.6.2000

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1362/2000  
tad-29 ta' Ġunju 2000**

**li jimplementa għall-Komunità d-disposizzjonijiet tat-tariffa tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt taħt il-Ftehim Interim fuq in-Negozju u materji relatati ma' Negozju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Konġunt taħt il-Ftehim Interim fuq in-Negozju u materji relatati ma' Negozju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani kien bid-Deċiżjoni tiegħu Nru 2/2000, addotta arranġamenti għal implimentazzjoni ta' aspetti ta' dak il-Ftehim rigward negozju tal-merkanzija b'effett mill-1 ta' Lulju 2000.
- (2) Il-preferenzi tat-tariffa provduta fid-Deċiżjoni Nru 2/2000 huma applikabbli għall-prodotti li joriġinaw fil-Messiku skond l-Anness III mat-tali Deċiżjoni.
- (3) Huwa neċessarju li jiġu provvduti disposizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni ta' dawk il-preferenzi tat-tariffa fi ħdan il-Komunità.
- (4) Ir-rati bażi għall-kalkolazzjoni tat-tnaqqis tat-tariffi huma dawk stabiliti fid-Deċiżjoni 2/2000.
- (5) L-istess metodi ta' kalkolazzjoni għandhom, bħala regola ġenerali, japplikaw għal rati speċifiċi u ad valorem tad-dazju kif ukoll għat-trattamenti tad-dazji minimi u massimi provvduti fit-Tariffa Doganali Komuni.
- (6) Deċiżjoni Nru 2/2000 tistipula li ċerti prodotti li joriġinaw fil-Messiku jstgħu jiġu mpurtati fil-Komunità fi ħdan il-limiti tal-kwoti tat-tariffa, b'rata mnaqqa jew rata zero tad-dazju doganali. Tali Deċiżjoni tispeċifika l-prodotti eliġibbli għal dawk il-miżuri tat-tariffa, il-volumi u d-dazji tagħhom. Il-kwoti tat-tariffa għandhom jiġu ġestiti, bħala regola, fuq bażi ta' "first-come first-served" skond l-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jstabilixxi disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabilixxi l-Kodiċi

Doganali Komuni <sup>(1)</sup>. Il-kwota tat-tariffa għal xi prodotti hi soġġetta għas-sodisfazzjon ta' regoli speċifiċi ta' oriġini għal perjodu mogħti ta' żmien. Din il-kwota tat-tariffa għandha wkoll tiġi ġestita fuq il-baży "first come first-served" imsemmi hawn fuq."

- (7) Il-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda msemija f'dan ir-Regolament huma dawk ta' l-2000, kif provvdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura statistika u tat-tariffa u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(2)</sup>. Emendilin-Nomenklatura Magħquda u l-kodiċi TARIC m'għandhomx jirriżultaw ftibdilit ta' sustanza fil-ftehim jew atti oħra konklużi bejn il-Komunità u l-Messiku. Fl-interessi tas-sempliċità, għandha għalhekk issir disposizzjoni għall-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, biex tieħu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jstabilixxi proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni <sup>(3)</sup>.
- (8) Fl-interess tal-ġlieda kontra l-frodi, għandhom jiġu magħmula disposizzjonijiet biex jissottomettu importazzjonijiet preferenzjali fil-Komunità għas-sorveljanza,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Għall-iskopijiet ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt taħt il-Ftehim Interim dwar in-Negozju u materji relatati ma' negozju bejn il-Komunità Ewropea u l-Messiku:

<sup>(1)</sup> ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1

<sup>(2)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2626/1999 (ĠU L 321, ta' l-14.12.1999, p. 3).

<sup>(3)</sup> ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

- (a) It-terminu "MFN" għandu jittieħed bħala l-inqas rata ta' dazju li tidher fil-kolonna 3 jew 4, jittieħed kont tal-perjodi ta' applikazzjoni msemija jew referuti f'dik il-kolonna, tat-tieni parti ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87. Madanakollu, m'għandux ifisser dazju stabbilit fi ħdan qafas ta' kwota tat-tariffa taħt l-Artikolu 26 tat-Trattat jew taħt l-Anness 7 mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.
- (b) Bla ħsara għal paragrafu 2, ir-rata finali tad-dazju preferenzjali għandha titnaqqas jew tizzied sa l-ewwel post deċimali.

2. Fejn ir-riżultat tal-kalkolazzjoni tar-rata tad-dazju preferenzjali huwa wieħed milli ġejjin, ir-rata preferenzjali għandha tiġi kkunsidrata f'eżenzjoni sħiħa:

- (a) 1 % jew inqas fil-każ ta' dazji ad valorem, jew
- (b) EUR 0,5 jew inqas għal kull ammont individwali ta' euro fil-każ ta' dazji speċifiċi.

3. Kull fejn dazji doganali jinkludu dazji ad valorem flimkien ma' wiezed jew aktar dazji speċifiċi, it-tnaqqis preferenzjali huwa limitat għad-dazju ad valorem fejn huwa wkoll hekk pprovdut fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Nru 2/2000. Fejn id-dazji doganali jinkludu dazju *ad valorem* b'dazju minimu u massimu, it-tnaqqis preferenzjali japplika wkoll għal dak id-dazju minimu u massimu. Fejn jinkludu iktar minn dazju speċifiku wieħed, it-tnaqqis preferenzjali japplika għal dawn kollha.

#### Artikolu 2

1. Bla ħsara għal paragrafu 5, id-dazji doganali fuq il-prodotti mniżżla fl-Anness ma' dan ir-Regolament u li joriġinaw fil-Messiku għandhom jiġu mnaqqsa għall-livelli mogħtija u fi ħdan il-limiti tal-kwoti tat-tariffa speċifikati f'dak l-Anness.

2. Dawn il-kwoti tat-tariffa għandhom jiġu ġestiti skond l-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

3. Fir-rigward ta' prodotti koperti mill-Anness għal dan ir-Regolament:

- (a) id-dokument speċifiku fuq l-esportazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(7) tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt ifisser iċ-ċertifikat ta' ċaqliq EUR 1 jew id-dikjarazzjoni ta' fattura msemija fl-Artikolu 15(1) ta' dik id-Deċiżjoni, u
- (b) l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni r-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa għandha tiġi meqjusa li tikkostitwixxi l-ħruġ tal-liċenza ta' l-importazzjoni msemija f'dik id-disposizzjoni.

4. It-tnaqqis ta' dazju imsemija fl-Anness huma espressi bħala persentaġġ tad-dazji doganali effettivament applikati fuq il-merkanzija ta' oriġini Messikana barra l-kwoti tat-tariffa konċernati meta dikjarati għal rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa.

5. Id-dazju doganali applikabbli għall-prodotti tal-kodiċi NM 1704 10 fi ħdan il-kwota tat-tariffa bin-Nru ta' l-ordni 09.1857 fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandu jkun 6 %.

6. Ħlief għall-kwota tat-tariffa bin-Nru ta' l-ordni 09.1899, il-kwoti tat-tariffa msemija fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu miftuħa kull sena għal perjodu ta' tnax-il xahar mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju. Dawn il-kwoti għandhom jiġu miftuħa għall-ewwel darba fl-1 ta' Lulju 2000.

7. Il-kwota tat-tariffa bin-Nru ta' l-ordni 09.1847 fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandha tiġi miftuħa għall-aħħar darba fl-1 ta' Lulju 2007.

8. Kwota tat-tariffa annwali ta' 2 500 unità għandha tiġi miftuħa bir-rata preferenzjali provvduta taħt il-Ftehim għall-vetturi ta' kodiċi KN 8701 20, 8702 u 8704, li joriġinaw fil-Messiku skond ir-regoli speċifiċi ta' oriġini stabbiliti fl-Anness III, Appendiċi Ila, Nota 12.1 mad-Deċiżjoni Nru 2/2000. Din il-kwota tat-tariffa għandha tiġi miftuħa kull sena għal tnax-il xahar mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, sa Diċembru 2006. Għandha tiġi miftuħa għall-ewwel darba fl-1 ta' Lulju 2000 għal nofs il-volum annwali.

Sabiex tkun eliġibbli għall-benefiċċju ta' din il-kwota tat-tariffa, dan li ġej għandu jiġi ndikat fil-kaxxa 7. (Rimarki) fuq iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura għall-merkanzija konċernata: "Ir-regola speċifika ta' oriġini stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt tal-KE tal-Messiku, l-Anness III, Appendiċi Ila, Nota 12.1".

#### Artikolu 3

Il-volum annwali tal-kwota tat-tariffa bin-Nru ta' l-ordni 09.1953 fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandu jiżded suċċessivament b'500 tunnellata kull sena mill-1 ta' Lulju 2001.

#### Artikolu 4

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2 u 3, l-emendamenti u adattazzjonijiet tekniċi ta' l-Anness għal dan ir-Regolament magħmula neċessarji minn emendamenti lin-Nomenklatura Magħqda u l-kodiċi TARIC jew li jinqalgħu minn deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku, jew mill-konklużjoni tal-ftehim, protokollu jew skambju ta' ittri bejn il-Komunità u l-Messiku, għandhom jiġu adotati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' ġestjoni stabbilita fl-Artikolu 5(2).

#### Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, hawnhekk iżjed "il quddiem msemmi" il-Kumitat.

2. Fejn hemm referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw. Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun imwaqqaf għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 6*

1. Prodotti mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa bil-benefiċċju ta' rati preferenzjali provvduti taħt id-Deċiżjoni Nru 2/2000 għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza. Il-Kummissjoni f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri għandha tiddeċiedi fuq il-prodotti li għalihom tapplika din is-sorveljanza.

2. L-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu japplika.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jassiguraw li din il-miżura ta' sorveljanza tiġi mħarsa.

*Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' Ġunju 2000.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ARCANJO

---

## ANNEX

## li jirrigwarda l-prodotti msemmija fl-Artikolu 2

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, il-kliem użat biex jiddeskrivi l-prodotti għandu jitqies li ma jkollux ħlief siwi indikattiv, waqt li l-iskema preferenzjali tiġi stabilita fl-ambitu tal-kuntest ta' dan l-Anness, min kif din tkun koperta mill-kodiċijiet tan-NM kif dawn ikunu jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament. Meta l-ex kodiċijiet tan-NM jkunu indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabilita billi jiġi applikat il-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni relattiva meħudin flimkien.

Ordni Nru	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota annwali tat-tariffa (piż nett, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota tat-tariffa (% riduzzjoni)
09.1831	0407 00 19	Bajd tat-tjur minbarra tad-dundjani jew tal-wiżż, għat-tifqis <sup>(1)</sup>	300 tunnellata metrika	50 MNF jew 50 GSP <sup>(2)</sup>
09.1832	0408 11 80 0408 19 81 0408 19 89 0408 91 80 0408 99 80	Isfra tal-bajd. Bajd ta'l-għasafar mhux bil-qoxra	1 000 tunnellata metrika <sup>(3)</sup>	50 MNF jew 50 GSP <sup>(2)</sup>
09.1833	0409 00 00	Għasel naturali	30 000 tunnellata metrika	50 MNF jew 50 GSP <sup>(2)</sup>
09.1835	ex 0603 10 10 ex 0603 10 20 ex 0603 10 30 ex 0603 10 40 ex 0603 10 50	Fjur maqtugħ, frisk, mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Ottubru	350 tunnellata metrika	100
09.1837	ex 0603 10 80	Fjur maqtugħ, frisk, mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Ottubru	400 tunnellata metrika	100
09.1839	ex 0603 10 10 ex 0603 10 20 ex 0603 10 30 ex 0603 10 40 ex 0603 10 50	Fjur maqtugħ, frisk, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju	350 tunnellata metrika	100
09.1841	ex 0603 10 80	Fjur maqtugħ, frisk, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju	400 tunnellata metrika	100
09.1843	ex 0709 20 00	Asparagus, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Novembru	600 tunnellata metrika	100
09.1845	0710 21 00	Piżelli tal-friża	500 tunnellata metrika	50 MNF jew 50 GSP <sup>(2)</sup>
09.1847	ex 0804 40 00	Avokado, mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	20 000 tunnellata metrika	100
09.1849	ex 0807 19 00	Bettieħ, minbarra d-dulliegħ, frisk, mill-1 sal-31 ta' Jannar, mill-1 ta' April sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru	1 000 tunnellata metrika	50 MNF jew 50 GSP <sup>(2)</sup>
09.1851	0811 10 90	Strawberries, not containing sugar or other sweetening matter ħelu Frawli, li ma fiħx żokkor jew materjal ieħor ta'	1 000 tonnes	50 MNF jew 50 GSP <sup>(2)</sup>
09.1853	1604 14 11 1604 14 18 1604 14 90 1604 19 39 1604 20 70	Ħut ipproċessat jew ippreservat	2 000 tunnellata metrika <sup>(4)</sup>	66,66 MNF jew 66,66 GSP <sup>(2)</sup>

<sup>(1)</sup> Il-klassifika f'din is-subintestatura hija suġġetta għal kondizzjonijiet stabiliti fid-disposizzjonijiet Komunitarji rilevanti.

<sup>(2)</sup> Huma liema huma li jirriżultaw fl-anqas dazju applikabbli.

<sup>(3)</sup> Ekwivalenti għall-bajd bil-qoxra. Għandha tiġi kkonvertita skond ir-rati stabiliti fl-Anness 77 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

<sup>(4)</sup> Mit-tieni sena minn mindu jibda jgħodd, il-volum ta' din il-kwota tat-tariffa jiżdied ta' kull sena b'500 tunnellata metrika.

Ordni Nru	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota annwali tat-tariffa (piż nett, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota tat-tariffa (% riduzzjoni)
09.1855	1703 10 00	Ġulepp tal-kannamieli	275 000 tunnellata metrika	100
09.1857	1704 10	Gomma tal-magħda, kemm jekk miksija biz-zokkor kif ukoll jekk le.	1 000 tunnellata metrika	applikat
09.1859	2005 60 00	Asparagus, ipproċessat jew b'xi mod ieħor ippreservat ħlief bil-hall jew l-aċidu aċetiku.	1 000 tunnellata metrika	50 GSP <sup>(1)</sup>
09.1861	2008 92 51 2008 92 74 2008 92 92 2008 92 93 2008 92 94 2008 92 96 2008 92 97 2008 92 98	Taħlitiet tal-frott, ipproċessat jew ippreservat	1 500 tunnellata metrika	50 GSP <sup>(1)</sup>
09.1863	2009 11 11 2009 11 19 2009 11 91 2009 19 11 2009 19 19 2009 19 91 2009 19 99	Meraq tal-larinġ, mhux iffermentat u mhux miżjud bi spirtu, minbarra meraq tal-larinġ ta' 2009 11 99	1 000 tunnellata metrika	50 GSP <sup>(1)</sup>
09.1865	ex 2009 11 99	Meraq tal-larinġ, iffriżat, bi grad ta' konċentrazzjoni ogħla minn 20° brix (ta' densità li tiskorri 1,083 g/cm <sup>3</sup> meta jkun 20 °C)	30 000 tunnellata metrika	75 GSP <sup>(1)</sup>
09.1867	2009 40 11 2009 40 19 2009 40 30 2009 40 91 2009 40 99	Meraq ta' l-ananas, mhux iffermentat u mhux miżjud bi spirtu	2 500 tunnellata metrika	50 GSP <sup>(1)</sup>
09.1869	3502 11 90 3502 19 90	Albumina tal-bajd	3 000 tunnellata metrika <sup>(2)</sup>	100
09.1899	8701 20  8702  8704	Żiemel għan-nofs karru — li fihom il-materjali kollha li ma joriġinawx ma jiskorrux il-55 % <sup>(3)</sup> tal-prezz tal-prodott kif joħroġ mill-produzzjoni.  Vetturi bil-mutur għall-ġarr ta' għaxar persuni jew aktar, inkluż is-sewwieq. — li fihom il-materjali kollha li ma joriġinawx ma jiskorrux il-55 % <sup>(3)</sup> tal-prezz tal-prodott kif joħroġ mill-produzzjoni.  Vetturi bil-mutur għall-ġarr tal-merkanzija: — li fihom il-materjali kollha li ma joriġinawx ma jiskorrux il-55 % <sup>(3)</sup> tal-prezz tal-prodott kif joħroġ mill-produzzjoni.	2 500 unità	100  ( <sup>4</sup> )  ( <sup>4</sup> )

<sup>(1)</sup> Huma liema huma li jirriżultaw fl-aqas dazju applikabbli.

<sup>(2)</sup> Ekwivalenti għall-bajd bil-qoxra. Għandha tiġi kkonvertita skond ir-rati stabiliti fl-Anness 77 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

<sup>(3)</sup> Dan il-perċentwal għandu jkun 50 % mill-1 ta' Jannar 2003.

<sup>(4)</sup> Ir-rati preferenzjali applikabbli għal dawn il-prodotti jiġu stabiliti skond l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni Nru 2/2000.